**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-**laqgħa pubblika** tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017, fis-6.37pm, fl-Isptar il-Qadim, Triq San Innoċenzju, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

1. Is-SE għamel preżentazzjoni permezz ta' *power point show,* li kienet approvata fil-laqgħa numru tnejn u sebgħin (72) tal-KLM ta' nhar is-17 ta' Jannar 2017 (72.04), dwar ħidmet il-KLM fl-2016 u wkoll bil-ħidma li hemm prevista li ssir b'suċċess matul l-2017.

2. Charlene Zammit għamlet diskors qasir ta' introduzzjoni fost affarijiet oħra dwar kif nistgħu inwasslu malajr il-messaġġ tagħna bħala KLM, filwaqt li talbet lill-pubbliku sabiex jagħti il-veduti tiegħu u wkoll jippreżenta l-proposti u l-ilmenti li għandu.

3. Ms A li toqgħod fi Triq Valletta ilmentat minn nuqqas ta' tindif tat-toroq fir-raħal u qalet illi l-fatt li jgħaddi l-*iscammel* mhux bizzejjed. Hija staqsiet jekk il-KLM hux qed iħaddem il-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Din il-persuna lmentat mill-ammont ta' ħmieġ tal-klieb li hemm fi Triq Valletta minn xi sidien li huma irresponsabbli.

4. Il-Viċi Sindku qaltilha illi wasalna biex noħorġu sejħa pubblika oħra għall-offerta tal-knis tat-toroq urbani u saħqet sabiex it-toroq jinkinsu mit-trab u mhux biss jitneħħa l-iskart.

5. Charlene Zammit qalet illi dan il-kuntratt jaħdem bil-frekwenzi tat-toroq. Dan għaliex per eżempju l-Pjazza tal-Knisja tinkines b'aktar frekwenza minn zoni oħra li jinkinsu inqas frekwenti.

6. Hawnhekk Ms B qalet illi anke Sqaq l-Isptar hu maħmuġ. Is-Sindku qalet illi l-KLM identifika l-problemi li għandu r-raħal, jiġifieri dik li t-toroq ma jistgħux jinkinsu sew fil-ħin li jkunu ghadhom ipparkjati l-karozzi għaliex il-ħaddiema ma jkunux għadhom telqu għax-xogħol.

7. Għal proposta biex fil-kuntratt il-ġdid immorru għall-knis awtomizzat, is-Sindku staqsiet jekk vettura goffa li tiknes it-toroq hijiex adatta f'toroq dojoq speċjalment fil-qalba tar-raħal?

8. Dwar il-ħmieġ tal-klieb fit-toroq, Mr A qal illi hija sfortuna illi kulhadd joħrog il-klieb barra u meta jagħmlu dak li għandhom jagħmlu, jitilqu 'l hemm. Għaldaqstant, hu saħaq illi rridu ninfurzaw il-multi. Is-Sindku qalet illi biex dan ikun effettiv il-persuna trid tinqabad dak il-ħin mill-*Green Warden*. Mr A kompla jgħid illi mar f'tal-Isqof u hemm diżastru bis-siġar ta' xi resident li qed jgħattu l-isqaq. Hu semma' wkoll ilment ieħor, illi Triq tas-Sejba qiegħda tinżel fejn kienet niżlet fil-passat, propju fuq ir-riħ tal-barrieri. Madankollu Mr A tkellem għal diversi ħin fuq problema personali li qed tinkwetah bi trakkijiet kbar li hu sejħilhom *double wheelers* li jkunu jridu jdur minn Triq Valletta għal Triq it-Torri Vincenti u ma jkunux jistgħu jgħaddu u saħansitra qed jitilgħu fuq il-bankini. Bosta drabi dawn qed idoqqu l-ħornijiet kmieni fil-għodu biex ir-residenti jneħħulhom il-vetturi filwaqt li dawn

ikunu għadhom reqdin. Hu staqsa dwar x'passi se jieħu l-KLM dwar dan. Mr A kompla jgħid illi l-infurzar hu nieqes għaliex dan l-aħħar innota bniedem li għandu ċint ta' għalqa li qabad u għollih 'il fuq u issa ħadd ma jista' jara xejn. Innota wkoll illi wieħed qabad u qala' l-gallerija u lanqas biss poġġa bicca *plastic* fuq il-bankina; bir-riżultat kien illi din issa biddlet il-kulur. Mr A kompla jgħid illi hu jara nisa tad-dar jaħslu barra u jitfgħu kwantita kbira ta' ilma, bir-riżultat illi jagħmlu xmara u ħadd ma jgħidilhom xejn. Talab ukoll għal *sleeping policeman* għolja bħalma hemm quddiem l-SAG, ħalli jitnaqqas is-sewqan bla rażan biex ma nħallux illi l-ewwel isir aċċident u imbgħad naġixxu. Semma' wkoll il-fatt għaliex ħafna ġenituri bit-tfal qed jgħaddu minn Triq il-Karmnu lejn l-iskola u mhux minn Triq il-Parroċċa (magħrufa bħala it-triq tan-nofs) li toffri aktar sigurta' għal min ikun għaddej bil-mixi peress li din tal-aħħar hija magħluqa għat-traffiku. Għaldaqstant hu ħeġġeġ biex il-KLM jibgħat il-wardens u l-pulizija.

9. Charlene Zammit qalet illi bħala KLM qassamna ittra f'kull dar bi stedina għar-residenti ta' Triq Valletta u ltqajna man-nies u ddiskutejna magħhom. Hija qalet illi mhux biss fi Triq Valletta qed jgħaddu karozzi jsuqu ħafna, iżda anke f'toroq oħra ċentrali bħal ma hi Triq Karmenu Ciantar. Hija tat garanzija illi jekk inwaħħlu *sleeping puliceman,* fi Triq Valletta, l-għada Mr A jitlobna biex naqilgħuha għax din toffri ħafna skumdita'. L-ewwel nett għal min ikun joqgħod hemm minħabba l-istorbju li jagħmlu vetturi x'ħin jaqbżu minn fuqha. Dwar it-tfal li flimkien mal-ġenituri tagħhom qed jibqgħu jgħaddu minn Triq il-Karmnu, is-Sindku qalet illi jekk hemm xi ħaġa li mhix illegali, warden/pulizija ma jistax joħroġ *ticket* fuqha. Minn naħa tagħna pero', nistgħu nissuġġerulhom illi jgħaddu mit-triq tan-nofs. Dwar Triq Valletta, is-Sindku qalet illi ppruvajna sabiex ma jidħlux trakkijiet kbar u f'tentattiv ieħor ma jidħlux dawk tqal, iżda *Transport Malta* sfortunatament ma laqgħetx il-proposti differenti tagħna. (kollox dokumentat)

10. Ms C qalet illi hija inkwetata bis-*swimming pool* iffurmata fi Triq il-Katakombi quddiem ir-residenza tagħha. Hija qalet illi minn mindu l-Gvern Ċentrali asfaltata Triq il-Friefet, (fatt li kien muri fuq is-*slide show*) qed tikber għadira tal-ilma li qed tinġema' quddiem il-bieb tagħha. Dan għaliex Triq il-Friefet ġiet taqleb kollha lejha.

11. Ms D qalet illi l-konkos tal-parapett tagħha qed jinqala' minħabba li hemm għadira kbira fit-triq u qed jinġema' wkoll ħafna ilma fiha. Din tinsab fi Triq il-Mitħna kważi fil-kantuniera ma Triq ix-Xriek. Hija semmiet ukoll ir-rampi tal-garages f'nofs it-triq li ma tistax timxi fuq bankina għaliex dawn spiċċaw tlugħ u nżul kollha kemm huma. Ms D qalet illi suppost dawn in-nies qed joħorġu injama biex il-vetturi tagħhom jitilgħu u jinżlu fuq il-bankini ħalli jdaħħluhom fil-*garage*. Mr A qal illi hemm min saħansitra min għandu tarġa fuq il-bankina u wkoll rampi fuq l-istess bankina.

12. Charlene Zammit qalet illi għandna stima biex tinqala' u issir mill-ġdid il-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar in-naħa tal-Knisja li ammontat għal €10,000, u kellna ninsew li nagħmlulha l-manutenzjoni għaliex rajniha għolja. Din il-bankina hija imżerżqa ħafna li ħadd ma' jista' jgħaddi minn fuqha. Hija qalet illi jeżistu oħrajn li qed joħolqu ħafna nkwiet.

13. Charlene Zammit irreferiet għall-problema tal-ilma li nħolqot meta l-Gvern Ċentrali asfalta Triq il-Friefet u tħalla l-ilma jinġabar f'parti minn Triq il-Katakombi. Hija qalet illi il-KLM irrefera l-każ lil *Transport Malta.*

14. Mr A semma' l-problema tad-daqq ta' ħornijiet fil-għodu minn bejjiegħa. Hu qal illi l-ewwel jiġi tal-pitrolju, tal-ħobż, tal-ħaxix, tal-bigilla u tal-gass li minħabba ċ-ċekċik ta' ċilindri m'għandu l-ebda' bżonn idoqq. Hu qal illi l-infurzar hu problema u l-KLM irid jinforza bil-pulizija.

15. Ms A qalet illi hemm bżonn illi jsiru bankini fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn m'hemmx. Hawn is-Sindku irrispondiet li se ngħaddu t-talba lill-*Transport Malta* għaliex din hija triq arterja u fis-*service roads* fejn hemm il-bini, diġa' hemm bankini.

16. Ms D semmiet li partijiet mill-arbuxxelli tal-burdura (hedge) tal-ġnien ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira quddiem il-ground tal-futbol hu mejjet bl-ammont ta' skart li qed joħroġ persuna li hija qalet li kulħadd jaf minn hu għaliex hu venditur tal-ħaxix.

17. Ms D sostniet illi Ġnien Tfal ir-Raħal hu ġnien moħli, għax m'hemmx logħob tat-tfal fih u aħjar li kieku kien hemm parkeġġ kbir.

18. Is-Sindku qalet illi fil-każ tal-problema ta' Ms D, din kienet indirizzata fil-leġislatura preċedenti fejn fil-fatt dik il-parti ta' Triq il-Mitħna kienet inqalgħet u reġgħet ingħatat it-tarmak mill-ġdid. Is-SE qal illi bħal dawn il-problemi tal-ilma jeżistu oħrajn fir-raħal fosthom fi Triq San Bażilju, Triq Santa Katerina u Triq il-Parroċċa quddiem Sqaq Numru 1. Is-Sindku qalet illi l-*patching* propost minn Ms D, mhux soluzzjoni għaliex kull ma jkun qed jiġri hu li l-għadira minn quddiem xi ħadd tirriżulta quddiem xi ħaddieħor.

19. Ms E irringrazzjat lill-KLM talli għamel bozza ġdida fi Triq il-Parroċċa ftit 'il fuq mill-Uffiċċju Muniċipali u talbet biex tiġi rranġata l-*U-Shape barrier* li hemm fuq il-bankina quddiem ir-residenza tagħha ħalli ma jitilgħux il-karozzi fuq il-bankina. Hija talbet sabiex jerġa' jitgħatta ir-*road marking* isfar biż-żebgħa sewda, li xi darba kien jeżisti quddiem numru ta' *garages* fl-istess triq u li issa reġa' nkixef. Dan għaliex issa jekk jipparkja xi ħadd quddiem il-*garages*, qed jaqla' ċitazzjoni.

20. Ms F ilmentat illi fuq iz-*zebra cross* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija mhumiex jieqfu l-vetturi u dan qed jagħmilha diffiċli għan-nies biex jaqsmu u sintendi jkun hemm periklu. Is-SE wieġeb (u s-Sindku semmietu b'ismu) illi hu personalment jaf min mar minn Transport Malta sabiex jikkonferma dan kollu. Infatti Charlene Zammit qalet illi fil-*By-Pass* hemm *zebra crossing* oħra li hija perikoluża u din tinsab tmiss ma' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-periklu ta' din tal-aħħar hu għaliex din ma fihiex dwal. Is-Sindku kompliet tgħid dwar il-problema tal-iskart u sostniet illi iċ-ċitazzjonijiet fuq iż-żibel huma diffiċli biex jinħarġu sakemm il-gwardjan ma jaqbadx lil dak li jkun qed iħammeġ fil-fatt. Hija qalet illi l-ambaxxatur taż-żgħażagħ se jkollu l-irwol illi jwaqqaf mill-ġdid il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u se jkun ukoll involut fil-*Clean up Day* fl-Imqabba fix-xhur li ġejjin.

21. Mr B semma' t-talba għal *sleeping policeman* kienet saret fi Triq Ħal Kirkop u s-Sindku wieġbet illi din ma kienetx approvata minn *Transport Malta* fil-ġimgħat li għaddew. Madankollu qed isir suġġeriment biex issir oħra viċin il-ground taż-Żurrieq.

22. Mr B issuġġerixxa biex il-KLM imur għall-*organic refuse collection* li beda' jsir f'lokalitajiet oħra. Is-Sindku qalet illi dwar dan għadu ma kkuntattjana ħadd. Issemmiet ukoll il-problema tat-trasport pubbliku li qed jistenna' fuq il-venda fi Triq Karmenu Ciantar. Il-KLM avża lil Transport Malta li din il-venda hija waħda perikoluża. Dwar dan tal-aħħar, is-Sindku qalet illi l-KLM talab li din timxi għal Triq il-Qrendi. Hija temmet il-laqgħa bl-aħħar problema li ssemmiet u li kienet tirrigwardja Triq Ħal Farruġ fejn jagħmel mal-parti tal-Imqabba. Il-KLM qed jitlob sabiex din it-triq titwessa billi jittellgħu il-ħitan mill-barrieri li hemm fuq kull naħa tat-triq. Il-laqgħa ntemmet fit-20:35pm.

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv